# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

### IMHALLEF

### ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 4 ta' Frar 2000

**Numru 9**

**Citaz. numru 392/91 DS**

John Scicluna fil-kwalita' tieghu ta' chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta, u b'nota tat-8 ta' Gunju 1993 Saviour Farrugia assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta minflok John Scicluna, u b'digriet tat-18 ta' Awissu 1999 gew trasfuzi l-atti f'isem is-socjeta' Maltacom p.l.c.
vs
Karl Bonello u Charles Sammut bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Testing Limited

Illum, 4 ta' Frar 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-9 ta' April 1991 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi skond ir-regolament vigenti u l-ftehim esistenti bejn il-partijiet il-konvenut nomine ghandu jaghti lill-attur nomine s-somma ta' Lm3009.59,0 (tlett elef u disa' liri Maltin, disa' u hamsin centezmu) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 444907 liema servizz kien stallat fil-fond "Teslim" new street off mdina Road, Qormi u kien jikkonsisti tali servizz, kera, telefonati lokali, "transfer fee", "connection fee" u "extra work".

L-istanti nmine diversi drabi nterpella lill-konvenut nomine, izda dawn baqghu inadimpjenti.

talab lil din il-Qorti :-

1. tikkundannohom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm3009.59,0 (tlett elef u disa' liri Maltin, disa' u hamsin centezmu) dovuti ghall-kera, telefonati lokali, "transfer fee', "connection fee" u "extra work" relattivament ghas-servizz telefoniku bin-numru 444907 li l-attur nomine fuq talba tal-konvenuti kien stalla fil-fond "Teslim", new street off Mdina Road, Qormi.

Bl-ispejjez tal-presenti u bl-imghax legali kontra l-konvenuti nomine li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni ghal porzjoni kbira mill-kreditu pretiz mill-attur nomine hija preskritta skond il-ligi.

2. Illi l-esponenti nomine ma ghandhomx jinzammu responsabbli ghall-kontijiet ezagerati pretizi mill-attur nomine, stante illi l-istess esponenti nomine kemm il-darba lmentaw mal-attur nomine illi s-servizz telefoniku bin-numru 444907 kien difettuz, u li b'rizultat ta' dan id-difett, terzi persuni, sussegwentement maghrufa wara l-investigazzjoniijiet necessarji li saru mill-istess attur nomine, kellhom access kontinwu ghal din il-linja telefonika, minghajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tal-esponenti nomine.

3. Illi, fi kwelunkwe kaz, il-kreditu pretiz mill-attur nomine ma huwiex dovut interament mill-esponenti nomine, ghal dan il-fini ghandhom jigu kkjamati in kawza d-diretturi jew rappresentant guridiku tas-socjeta' limitata De Haan Transport (Malta) Limited, illi kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlu uzu kontinwu mis-servizz telefoniku installat fil-fond tal-esponenti nomine izda minghajr il-kunsens tal-istess.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tat-13 ta’ Novembru 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dr. Guido Pace Spadaro bhala perit biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-

eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-3 ta' Lulju 1997 fejn gie revokat l-inkarigu ta' l-imsemmi perit legali u sostitwit ghalih l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-8 ta' Ottubru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda somma li s-socjeta' attrici ssostni ghadha dovuta lilha mis-socjeta' konvenuta ghal servizz ta' telefon bin-numru 444907.

Min-naha tas-socjeta' attrici hemm id-dikjarazzjoni guramentata ta' John Scicluna prezentata mac-citazzjoni, ix-xiehda ta' Saviour Farrugia u l-affidavit tal-P.L. Noel Scerri (liema affidavit baqa' ma giex notifikat lis-socjeta' konvenuta). F'dix-xiehda flimkien mad-dokumenti esibiti, nsibu konferma tal-premessi tac-citazzjoni.

Min-naha tas-socjeta' konvenuta hemm id-dikjarazzjoni guramentata ta' Karl Bonello prezentata flimkien man-nota ta' l-eccezzjonijiet kif ukoll ix-xiehda tieghu. Huwa qal li s-socjeta' konvenuta ma kenitx ghadha topera u li kien sar socju u direttur fil-bidu tal-1990 wara li s-servizz kien gie maqtugh. Kiteb lis-socjeta' attrici wara li nvestiga mad-direttur l-iehor, Carmelo Sammut, u mal-general manager, George Gatt. Sostna li s-socjeta' konvenuta kienet kreditur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm10,000 li minnhom kienu diga' tpacew Lm2650 dovuti in konnessjoni ma' servizz iehor ta' telefon u li s-socjeta' attrici riedet tpaci wkoll il-kont in kwistjoni izda s-socjeta' konvenuta kienet irrezistiet dan.

Is-socjeta' konvenuta ressqet tliet eccezzjonijiet u dwarhom il-perit legali osserva hekk:

Fil-fehma tal-Qorti l-perit legali ghamel apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-punti ta' dritt involuti u ghalhekk taqbel mal-konkluzjonijiet minnu raggunti;

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni limitatament ghall-perijodu li jirrisali ghal qabel is-7 ta' Dicembru 1985 u ghaldaqstant tilqa' t-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenuti nomine ghall-hlas tas-somma ta' Lm2894.83,4 bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

**ONOR IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**GRAZIO GALEA**
**D/REGISTRATUR**